**It-Tlieta**

**Ir-Raba' ġimgħa tas-salterju**

V. O Alla, ejja eħlisni.
R. Mulej, fittex għinni.
Glorja. Kif kien mill-bidu. Hallelujah.

**INNU**
1.
Mexxej kbir taż-żmien u l-ġrajja,
bejn il-lejl u n-nhar ridt għażla:
tul in-nhar il-bniedem jaħdem,
u billejl jistrieħ u jorqod.

2.
Ibqa' magħna, ishar fuqna,
u, fid-dlam tal-lejl li riesaq,
ma jiġix il-għadu jwaddab
kontra tagħna l-vleġeġ tiegħu.

3.
Biegħed minna kull ħsieb ikrah,
ħa jehdew is-sensi tagħna,
u, fis-sliem u l-kwiet, tiġġedded
u tissaħħaħ qawwet ruħna.

4.
Isma' talbna, Missier twajjeb,
w int, Waħdieni tiegħu u daqsu,
li ta' dejjem hi saltnatkom
ma' l-Ispirtu Faraġ tagħna. Amen.

**SALMODIJA**

Ant. 1 Tibbiesli idi l-leminija jekk qatt ninsa lilek, Ġerusalemm!
L-Għid: Għannulna mill-għana ta' Sijon, hallelujah.

**Salm 136 (137),1-6**

F'xatt ix-xmajjar ta' Babel, †
hemm qgħadna bilqiegħda u bkejna, *
aħna u niftakru f'Sijon.
Mas-siġar tal-luq li hemm fiha *
dendilna ċ-ċetri tagħna.

Għax hemm, dawk li jassruna *
talbuna ngħannulhom xi għanja;
dawk li hemm għakksuna †

stennew minna għana ta’ ferħ: *
“Għannulna mill-għana ta’ Sijon.”

Kif nistgħu ngħannu l-għana tal-Mulej *
f’art barranija?
Tibbiesli idi l-leminija, *
jekk qatt ninsa lilek, Ġerusalemm!
Jeħilli lsieni mas-saqaf ta’ ħalqi, *
jekk ma niftakarx fik,
jekk ma nżommx ‘il Ġerusalemm *
fuq kull ferħ tiegħi!

Ant. Tibbiesli idi l-leminija jekk qatt ninsa lilek, Ġerusalemm!
Ant. 2 Quddiem l-anġli rrid ngħannilek, Alla tiegħi.
L-Għid: Meta sibt ruħi fl-għali, int ħaristni, Mulej, hallelujah.

**Salm 137 (138)**

Inroddlok ħajr, Mulej, b’qalbi kollha, *
għaliex int smajt kliem fommi.
Quddiem l-allat irrid ngħannilek. *
B’wiċċi fl-art ninxteħet
quddiem is-santwarju tiegħek,
u nroddlok ħajr għat-tjieba u l-fedeltà tiegħek, *
għax int kabbart ismek u kelmtek fuq kollox.

Meta sejjaħtlek int weġibtni, *
kattartli l-qawwa f’ruħi.
Iroddulek ħajr, Mulej, is-slaten kollha ta’ l-art, *
għaliex semgħu l-kliem ta’ fommok.
U jgħannu l-imġiba tal-Mulej, *
għax kbir hu sebħ il-Mulej.
Kbir il-Mulej, imma jieħu ħsieb iż-żgħar; *
u, għalkemm fl-għoli, jagħraf mill-bogħod.

Jekk insib ruħi fl-għali, *
inti tħarisli ħajti;
terfa’ idek kontra l-għedewwa tiegħi, *
u l-leminija tiegħek issalvani mill-qilla tagħhom.
Il-Mulej iżomm kelmtu miegħi. †
It-tjieba tiegħek, Mulej, tibqa’ għal dejjem; *
la titlaqx għemil idejk!

Ant. Quddiem l-anġli rrid ngħannilek, Alla tiegħi.
Ant. 3 Il-Ħaruf li kien maqtul jistħoqqlu jirċievi l-glorja u t-tifħir.
L-Għid: Tiegħek, Mulej, il-kobor u l-qawwa, il-ġieħ u s-sebħ, hallelujah.

**Kantiku (Apok 4,11; 5,9-10.12)**

Mulej Alla tagħna, jistħoqqlok tirċievi *

l-glorja, il-ġieħ u l-qawwa,
għax int ħlaqt il-ħwejjeġ kollha; *
bir-rieda tiegħek kienu u nħalqu.

Int jistħoqqlok tieħu l-ktieb *
u tikser is-siġilli tiegħu,
għax int qatluk, u b'demmek ksibt għal Alla *
bnedmin minn kull tribù u lsien,
minn kull poplu u ġens,
u għamilthom għal Alla tagħna Saltna u Qassisin *
li għad isaltnu fuq l-art. –

Il-Ħaruf li kien maqtul jistħoqqlu jirċievi †
l-qawwa, l-għana, l-għerf u s-saħħa, *
il-ġieħ u l-glorja u t-tifħir.

Ant. Il-Ħaruf li kien maqtul jistħoqqlu jirċievi l-glorja u t-tifħir.

**LEZZJONI QASIRA Kol 3,16**

Ħalli l-bxara ta' Kristu tgħammar sħiħa fikom; għallmu bl-għerf kollu u widdbu lil xulxin b'salmi u innijiet u b'għana spiritwali, u b'radd il-ħajr kantaw f'qalbkom innijiet lil Alla.

**RESPONSORJU QASIR**

R. Quddiemek, Mulej Alla, * Hemm il-milja tal-ferħ. Quddiemek.
V. F'lemintek hemm l-għaxqa għal dejjem. * Hemm il-milja tal-ferħ. Glorja. Quddiemek.

Ant. tal-kant. ta' Marija Mulej, agħmel magħna ħwejjeġ kbar, għax inti s-Setgħani, u qaddis ismek.

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, *
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh
fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu. *
Iva, minn issa 'l quddiem
kull nisel jibda jsejjaħli hienja.
Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar; *
qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien *
fuq dawk li jibżgħu minnu.

Hu wera l-qawwa ta' driegħu, *
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.
Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom, *
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ, *
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.

Ħa ħsieb Iżrael, qaddej tiegħu, *
għax ftakar fil-ħniena tiegħu
- bħalma wiegħed lil missirijietna - *
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem.

**Glorja …**

Ant. tal-kant. ta' Marija Mulej, agħmel magħna ħwejjeġ kbar, għax inti s-Setgħani, u qaddis ismek.

**PREĊI**

Nagħtu tifħir kbir lil Kristu, għaliex hu jqawwi u jsaħħaħ lill-poplu tiegħu.
Nitolbuh b'qalb sinċiera u ngħidulu:
Mulej, isma' t-talb tagħna, biex infaħħruk għal dejjem.
*Kristu, qawwa tagħna, ħenn għalina:*
- int, li għarraftna l-verità tiegħek, żommna sħaħ sa l-aħħar fil-fidi.
Ħares lil dawk li għandhom is-setgħa u mexxihom skond qalbek:
- agħmel li jkollhom rieda u fehma tajba, ħa jmexxu fis-sliem u l- paċi.
Int kattart il-ħobż biex titma' l-folol tan-nies:
- għallimna ngħinu minn ġidna lil min hu bil-ġuħ.
Agħmel li ebda gvern fid-dinja ma jiġbed lejn in-nazzjon tiegħu biss:
- imma jirrispetta wkoll u jżomm fi ħsiebu n-nazzjonijiet l-oħra kollha.
Meta tiġi biex tkun igglorifikat f'dawk kollha li emmnu, ftakar f'ħutna l-mejtin kollha:
- qajjimhom għall-ħajja u agħtihom l-hena ta' dejjem.

**Missierna**

**Talba**

Inressqu t-talb tagħna quddiemek, Mulej, biex fil-ħniena tiegħek tagħtina l-grazzja li nżommu dejjem f'moħħna u f'qalbna dak li nistqarrulek bil-fomm. B'Ibnek.

**Għeluq**

Il-Mulej iberikna, iħarisna minn kull deni, u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem.
**Amen.**